# L-IŻLAM

## Theddida jew Sors għall-Paċi?

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

# L-IŻLAM
## Theddida jew Sors għall-Paċi?

**Ħażrat Mirża Masroor Aħmad**[aba]
*Il-Ħames Suċċessur tal-Messija Mwiegħed*[as]*,*
*Il-Mexxej tal-Komunità Aħmadija Musulmana*

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

**Islam, a threat or a source of peace?**
In Maltese Language.

© Islam International Publications Ltd

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2016)

Pubblikazzjoni ta'

Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta
Tel: +356-27342401 Tel: +356-21322105
Mob: +356-79320139 Fax: +356-27322105

Email: amjmalta@gmail.com

www.ahmadiyyamalta.org
www.ahmadiyya.org.mt

ISBN: 978-99957-59-22-3

Stampa: © shutterstock

# Introduzzjoni

Is-Sibt 14 ta' Ġunju 2014, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], għamel enfasi dwar il-kostituzzjoni proprja tal-Kalifat tul diskors magħmul quddiem madwar 1000 mistieden mhux Aħmadi fit-tieni jum tad-39 Konvenzjoni Annwali tal-Komunità Aħmadija Musulmana li ttellgħet il-Ġermanja.

Il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul-Masiħ V[aba], huwa l-Mexxej Suprem tal-Komunità Dinjija Aħmadija Musulmana *(Ahmadiyya Muslim Jamaat)*. Huwa l-Ħames suċċessur tal-Messija Mwiegħed u Riformatur, Ħażrat Mirża Ghulan (Gulam) Aħmad[as] ta' Kadjan.

Il-Qdusija Tiegħu twieled fil-15 ta' Settembru, 1950, f'Rabwah, il-Pakistan. Wara li temm il-Masters Degree fl-Ekonomija Agrikola fl-1977 mill-Università Agrikola ta' Faisalabad, il-Pakistan, huwa ddedika formalment il-ħajja tiegħu għas-servizz tal-Iżlam.

Wara li ġie elett għal ħajtu kollha fil-pożizzjoni ta' Kalif tal-Komunità Aħmadija Musulmana fit-22 t'April 2003, huwa jservi bħala l-kap dinji spiritwali u amministrattiv ta' organizzazzjoni internazzjonali reliġjuża li tħaddan fiha għexieren ta' miljuni ta' membri mxerrda f'204 pajjiż.

Mindu laħaq Kalif, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba] żar ħafna pajjiżi u għamel għadd ta' diskorsi mħeġġin lil udjenzi minn kulturi u ambjenti differenti, biex jippromwovi u jiffaċilita s-servizz lill-umanità.

Il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad, bħalissa jinsab residenti f'Londra, l-Ingilterra.

بِسْمِ اللّٰهِ الرَّحْمٰنِ الرَّحِيْمِ

**F’Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin.**

Wara li beda bit-talb ta’ *Taxaħud*, *Taawwuż* u *Bismillah*, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba] qal:

“Għall-mistednin kollha, *Assalamo Alajkum Wa Raħmatullaħe Wa Barakatoħu* – il-paċi u l-barkiet ta’ Alla jkunu fuqkom ilkoll.

L-ewwel nett, nixtieq nuri l-gratitudni sinċiera tiegħi lejkom kollha li ħadtu mill-ħin tagħkom biex tiġu hawn u tkunu preżenti għall-Konvenzjoni Annwali tagħna – il-*Jalsa Salana*. Sfortunatament, fid-dinja tal-lum insibu għadd sostanzjali ta’ nies li għandhom biża’ mir-reliġjon b’mod ġenerali u mill-Iżlam b’mod partikolari. Għaldaqstant, f’dawn iċ-ċirkostanzi, l-attendenza tagħkom f’avveniment purament reliġjuż hija evidenza tax-xewqa ħerqana tagħkom li titgħallmu u titkixxfu dwar ir-reliġjon. Għalhekk, barra li nirringrazzjakom, jien ukoll se nitlob li intom tkunu dawk li tfittxu li tagħrfu l-essenza vera u l-bżonn ġenwin għar-reliġjon mill-qigħan ta’ qlubkom.

Illum, bħala l-Kap tal-Komunità Aħmadija Musulmana, nixtieq inkellimkom fil-qosor dwar it-tagħlim veritier

tal-Iżlam. Naturalment fiż-żmien qasir li għandi, huwa impossibbli li nkopri t-tagħlim kollu tal-Iżlam u għalhekk se nillimita lili nnifsi għal xi ftit aspetti importanti biss.

Insibu li fid-dinja tal-Punent, minn żmien għal żmien, iqumu għadd ta' dubji fir-rigward tal-Iżlam, apparti li hemm ostilità sottili kontrih, fejn isiru ċertu allegazzjonijiet mhux ġustifikati lejn it-tagħlim tiegħu. Isiru għadd ta' interpretazzjonijiet ħżiena tal-Iżlam u għalhekk it-tagħlim tiegħu jkun mibdul għalkollox b'tali mod li tingħata l-impressjoni li, allaħares, l-Iżlam ma jgħallem xejn ħlief l-estremiżmu u l-krudeltà. Jingħad ukoll li, allaħares qatt, il-Profeta tal-Iżlam, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa], kien jaġixxi b'manjiera krudili u oppressiva. B'riżultat ta' dan, insibu li hemm nies li għandhom biża' tremend mill-bini ta' moskej ġodda l-għaliex jemmnu li t-tagħlim tal-estremiżmu se jasal fid-dinja tal-Punent.

M'għandi l-ebda eżitazzjoni biex nammetti li llum il-qagħda globali tal-maġġoranza vasta tad-dinja Musulmana hi ħażina u meta naraw l-imġiba ta' ċertu individwi li jsejħu lilhom infushom Musulmani, ikun jidher biċ-ċar li dawn il-biżgħat isiru ġustifikati. Bir-riżultat li dawk affettwati jitolbu li jkun hemm restrizzjonijiet fuq id-drawwiet u t-tagħlim reliġjuż tal-Musulmani. Huma jsostnu bil-qawwa kollha li għandu jkun hemm żamma tal-promozzjoni tal-Iżlam u tal-bini ta' moskej ġodda. U b'dispjaċir kbir ikun hemm ukoll min juża lingwaġġ abbużiv u offensiv immens kontra l-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

Ejja nimxu biċċa oħra. Huwa fatt magħruf li l-Iżlam huwa meqjus bħala t-tieni l-akbar reliġjon fid-dinja wara l-Kristjaneżmu. Iżda r-realtà hi li l-maġġoranza tal-Insara li jgħixu fil-Punent ma jipprattikawx il-fidi tagħhom, u lanqas għandhom l-iċken interess fir-reliġjon. Din hi ħaġa li l-Knisja stess taċċettaha u li hi sostanzjata wkoll minn għadd ta' rapporti fil-midja. Tabilħaqq li numru mdaqqas sew minn dawn in-nies lanqas biss jemmnu f'Alla, filwaqt li oħrajn isostnu li jemmnu f'Alla iżda ma jemmnux li l-fidi ġejja Minnu u għaldaqstant iħossu li m'għandhomx ħtieġa tagħha.

Min-naħa l-oħra naraw li l-maġġoranza tal-Musulmani jħossuhom qrib sewwa tar-reliġjon tagħhom u ma jifilħux jisimgħu affarijiet negattivi fuq it-twemmin tagħhom jew fuq il-Qaddis Profeta Muħammad[sa]. Għalhekk, meta dawk li jopponu l-Iżlam jipprovokaw is-sentimenti reliġjużi tal-Musulmani dan iwassal għal reazzjoni negattiva, li min-naħa tagħha toħloq diżordni u kunflitti serji fid-dinja. Filwaqt li r-reazzjoni negattiva tal-Musulmani hija kompletament żbaljata u mhux ġustifikata, madanakollu n-natura umana u l-loġika jiddettaw li meta s-sentimenti jew l-emozzjonijiet ikunu mqanqla jew provokati b'mod negattiv, dawn jirreaġixxu b'mod naturali.

Biex jieħdu vantaġġ minn dawn ir-reazzjonijiet, xi setgħat anti-Iżlamiċi jkunu pronti biex jittimbraw lill-Iżlam bħala reliġjon tal-estremiżmu u tat-terroriżmu mingħajr ma jieqfu biex jaħsbu jew jinvestigaw. Dawn sfaċċatament jew mingħajr eżitazzjoni jixlu lill-

Iżlam, għalkemm is-sens ta' ġustizzja jitlob li filwaqt li jwaqqfu dawn id-delitti jew għemejjel ħżiena, għandhom ukoll jivvalutaw ġenwinament jekk dawn l-atti jaqblux mat-tagħlim veru tal-Iżlam jew inkella humiex biss rappreżentazzjoni żbaljata jew inġusta. F'dan ir-rigward, qed nieħu gost nosserva li fil-midja tal-Punent, xi kummentaturi li mhumiex Musulmani qed isaqsu l-għala l-atti ħżiena tal-hekk imsejħa Nsara mhumiex attribwiti għat-tagħlim tal-Kristjaneżmu, madanakollu l-atti ħżiena tal-Musulmani huma dejjem assoċjati mat-tagħlim tal-Iżlam.

Dan hu, fil-fatt, il-mod kif għandek titkellem favur il-ġustizzja. Dan hu, fil-fatt, il-mod kif għandek titkellem fi sforz biex jitneħħew l-ilmenti u d-dwejjaq kollha minn din id-dinja. Dan hu, fil-fatt, mod kif għandek tressaq in-nies lejn xulxin u toħloq atmosfera ta' armonija reċiproka. It-tagħlim veru tal-Iżlam li aħna tgħallimna mill-Quran (Koran) u mill-għemil tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] iwissina biex qatt ma naġixxu bi krudeltà u li dejjem nissodisfaw il-jeddijiet tal-umanità. L-Iżlam jobbliga lill-Musulmani biex jeħilsu lil kull persuna u lil kull nazzjon minn kull forma ta' skjavitù u servitù – kemm jekk ikun jasar fiżiku, ekonomiku, jew soċjali. L-Iżlam jgħallimna li n-nies kollha huma ugwali u li r-razza u l-lewn ta' individwu m'għandhomx ikunu mezz ta' superjorità jew pożizzjoni soċjali għolja. Pjuttost li l-uniku valur tan-nazzjonalità jew l-etniċità ta' xi ħadd huwa biex iservu ta' mezz ta' identifikazzjoni – ma jfissru xejn apparti dan.

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] għallem li Għarbi m'għandu l-ebda superjorità fuq min mhux Għarbi iżda lanqas wieħed li mhux Għarbi m'għandu jħossu superjuri fuq wieħed Għarbi. Dak li jħobb Alla l-Omnipotenti hija l-ġustizzja u għalhekk persuna li twettaq għemejjel ġusti tikseb l-imħabba u l-qrubija ta' Alla. Għaldaqstant, jekk persuna għandha xi valur jew grad speċjali, dan ikun inkiseb bis-saħħa tat-tjubija u l-imġiba xierqa tagħha.

F'termini ta' ġustizzja, l-Iżlam jgħallem li hemm żewġ karatteristiċi li jħaddnu kollox. L-ewwel waħda hija t-twettiq tal-obbligazzjonijiet lejn Alla l-Omnipotenti u l-qima Tiegħu. It-tieni hija t-twettiq tal-obbligazzjonijiet lejn il-ħolqien ta' Alla u s-servizz lill-umanità. L-Iżlam jgħallem lill-Musulmani biex iferrxu l-imħabba reċiproka u l-affezzjoni f'kull direzzjoni u f'kull saff tas-soċjetà. Huwa fil-fatt jenfasizza l-aktar l-indokrar tal-iżjed membri vulnerabbli u fqar tas-soċjetà bħal pereżempju l-orfni. Barra minn hekk, fl-interess tal-paċi fid-dinja, l-Iżlam jgħallem li qatt m'għandek tieħu l-ewwel pass jew tinstiga xi att ta' aggressjoni jew taqbid tal-gwerra.

Jekk il-gwerra tkun sfurzata fuqek u int ma jibqagħlek l-ebda għażla ħlief li tiġġieled lura, mela mbagħad inti jkollok tiddefendi lilek innifsek bl-intenzjoni li terġa' tistabbilixxi l-paċi. Għalhekk, l-Iżlam jgħallem li meta xi aggressur jirtira, dawn m'għandhomx jiġu sfruttati u l-ebda trasgressjoni jew krudeltà m'għandha tintuża fuqhom. F'dan il-punt il-gwerra għandha titwaqqaf minnufih u l-parti telliefa m'għandhiex tkun soġġetta

għal sanzjonijiet ekonomiċi u r-rebbieħ m'għandux ifittex li jasserixxi l-kontroll fuqha jew jassarha jew jumiljaha b'xi mod jew ieħor.

Anki fejn l-Iżlam ippermetta gwerra purament difensiva, din kienet limitata bir-regoli stretti tal-battalja maħluqin mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa]. Huwa għallem li fejn il-Musulmani jkunu sfurzati biex jidħlu fi gwerra bl-intenzjoni li jistabbilixxu l-paċi, huma m'għandhom iweġġgħu l-ebda mara jew tifel jew tifla. Huwa sostna li l-ebda qassis jew mexxej reliġjuż, li jkun baqa' fil-postijiet ta' qima, m'għandhom jiġu attakkati u lanqas l-ebda knisja jew lok ta' qima m'għandhom ikunu mittiefsa. Illum nitkellmu dwar l-ambjent – u għalhekk f'termini ta' ambjent huwa għallem biex ma titwaqqa' l-ebda siġra u li l-prodotti tar-raba' m'għandhomx jiġu meqruda.

Għalhekk, fir-realtà, tul stat ta' gwerra, il-Musulmani m'għandhomx permess li jattakkaw lil xi ħadd ħlief lis-suldati rivali u b'hekk l-ebda pajżan m'għandu qatt jiġi ferut. Madanakollu, b'dispjaċir kbir naraw li fil-gwerer missielta llum il-ġurnata huma n-nies innoċenti li jsofru l-aktar u l-għadd ta' pajżana midruba jisboq ta' kulħadd. Anki tul it-Tieni Gwerra Dinjija l-maġġoranza ta' dawk maqtula kienu ċittadini innoċenti, u kif għadni kif għedt, fi gwerer jew kunflitti iżgħar li qed iseħħu bħalissa, huma n-nies pajżana li qed isofru l-aktar.

Ħalli nkun ċar mill-ewwel, dan imur assolutament kontra t-tagħlim tal-Iżlam. Darba, matul gwerra fi żmien il-Qaddis Profeta Muħammad[sa], Musulman qatel

mara u tifel. Meta l-Qaddis Profeta[sa] sar jaf b'dan huwa nkorla bl-ikrah.

Il-Musulman ipprova jiġġustifika lilu nnifsu billi qal li dawk li kien qatel kienu Lhud jew ma kinux Musulmani, iżda l-Qaddis Profeta[sa] b'mod kategoriku insista li dawk kienu nies innoċenti, u li toqtol nies innoċenti kien dnub serju u gravi ħafna. B'hekk, hawnhekk ippreżentajt ftit eżempji li juru biss nitfa mit-tagħlim veru u sabiħ tal-Iżlam.

Bla dubju mistoqsija li tiġi b'mod naturali hija li jekk dan huwa t-tagħlim awtentiku tal-Iżlam mela għalfejn insibu ċertu gruppi jew individwi Musulmani li qed jikkommettu l-ħruxijiet u jwettqu attakki orribbli kontra kemm ħuthom Musulmani kif ukoll dawk li mhumiex? Din l-istess mistoqsija diġà ġiet imwieġba fi profezija li għamel il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] aktar minn 1400 sena ilu. Huwa kien ħabbar b'mod ċar li kien se jasal żmien fejn il-maġġoranza kbira tal-Musulmani se jitbiegħdu mit-tagħlim oriġinali tal-Iżlam.

Madanakollu, Huwa kien ta wkoll aħbar kbira u sabiħa meta qal li f'dan il-perjodu ta' dlam spiritwali, il-Ħniena u l-Kompassjoni ta' Alla se jerġgħu jaħkmu lid-dinja mill-ġdid u Huwa se jibgħat Messija u Maħdi li jerġa' jistabbilixxi t-tagħlim veru tal-Iżlam. Aħna, il-Musulmani Aħmadin, nemmnu li l-Messija u l-Maħdi wasal u kien huwa li waqqaf il-Komunità Aħmadija Musulmana. Huwa, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as] ta' Kadjan, dawwal id-dinja bit-tagħlim awtentiku u

oriġinali tal-Iżlam. U għalhekk issa se nippreżenta xi ftit siltiet mill-kitbiet tiegħu fejn huwa tefa' dawl qawwi biex jillumina t-tagħlim safi u purament paċifiku tal-Iżlam.

Il-Messija Mwiegħed[as] kien qal:

> 'Hemm biss żewġ partijiet sħaħ tal-fidi. Waħda hija li tħobb lil Alla u l-oħra hija li tħobb lill-umanità b'tali mod li s-sofferenzi u l-provi u t-tbatijiet tal-oħrajn tqishom bħala tiegħek u għalhekk titlob għalihom.'

F'post ieħor il-Messija Mwiegħed[as] qal:

> 'L-aktar aspett diffiċli u komplikat tal-fidi huwa dak tat-tħaris tal-jeddijiet tal-umanità għaliex din hija sfida kontinwa u persuna taffaċċja din il-prova l-ħin kollu. Ngħid fis-sewwa biex ma tqisu lil ħadd bħala l-għadu personali tagħkom u warrbu għalkollox l-użanza li jkollkom l-għira u l-mibegħda lejn ħaddieħor.'

U f'post ieħor il-Messija Mwiegħed[as] qal:

> 'Jien ngħidilkom li għandkom tħobbu u turu ħniena mal-ħolqien ta' Alla kollu jkun min ikun – jekk huwiex Ħindu, Musulman jew ħaddieħor.'

Hu jgħid:

> 'Qatt ma nieħu gost meta n-nies jippruvaw jillimitaw is-simpatija u l-imħabba tagħhom lejn il-proxxmu tagħhom biss... jiena nwiddibkom għal darba tnejn biex qatt ma tillimitaw l-għan tal-mogħdrija tagħkom.'

B'hekk dawn huma biss ftit eżempji mill-kitbiet tal-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana, fejn fihom huwa ħeġġeġ lis-segwaċi tiegħu biex ixerrdu l-imħabba u l-kompassjoni mal-erbat irjieħ tad-dinja. Dan hu t-tagħlim veru tal-Iżlam u bil-Grazzja ta' Alla huwa b'dan it-tagħlim paċifiku u ħanin li l-Komunità Aħmadija Musulmana kibret u nxterdet f'kull parti tad-dinja. Il-messaġġ li aħna nwasslu ma fihx lingwaġġ aħrax u lanqas iħaddan xi tip ta' sfurzar jew kostrinġiment.

Pjuttost il-messaġġ tagħna huwa wieħed ta' mħabba, għożża u għaqda. Aħna ġejna mgħallmin biex inwieġbu għal-lingwaġġ inġurjuż u offensiv bit-talb. U bi tweġiba għall-persekuzzjoni u l-imrar li naffaċċjaw, aħna nagħtu biss imħabba, sliem u faraġ lid-dinja. Dan hu t-tagħlim tagħna u dan hu t-twemmin tagħna.

U llum l-Istituzzjoni ta' Kalifat – jiġifieri l-istituzzjoni ta' suċċessjoni spiritwali li tmexxi lill-Komunità Aħmadija Musulmana – qed jirnexxilha tħalli dan it-tagħlim awtentiku tal-Iżlam ħaj. Il-Kalifat tal-Komunità

Aħmadija qatt ma tista' titbiegħed mit-tagħlim l-aktar fundamentali tal-Iżlam tat-twettiq tad-drittijiet dovuti lejn Alla u lejn l-umanità. Illum, l-Istituzzjoni ta' Kalifat qed tħabrek għall-paċi b'kull mod possibbli u qed tipprova xxerred l-imħabba u l-affezzjoni f'kull rokna tad-dinja.

Għaldaqstant, inħossni xxukkjat u mnikket meta nisma' li f'xi partijiet tal-Ġermanja xi individwi li mhumiex Musulmani qed jgħidu li mhux se jippermettu lill-Kalifat biex lanqas tagħmel pass wieħed f'dan il-pajjiż. Kif aċċennajt diġà l-veru Kalifat hija mezz ta' tixrid ta' ħniena u benevolenza u għalhekk insaqsi lil dawn in-nies jekk jixtiqux li jġibu s-sofferenzi jew ir-restrizzjonijiet fuq dawk in-nies li qed jgħixu hawnhekk fil-paċi, jgħożżu l-pajjiż tagħhom. Jiena ma nemminx li persuna sensibbli jew intelliġenti qatt għandha tħaddan opinjoni daqshekk imprudenti.

Fortunatament il-maġġoranza kbira tal-poplu Ġermaniż ma tagħtix kas ta' dawn l-attitudnijiet intolleranti u għalhekk intom tinsabu hawn illum. Qed taraw b'għajnejkom stess li f'dawn is-swali hawn eluf ta' nisa u rġiel li huma għalkollox favur il-Kalifat u permezz ta' din ir-rabta spiritwali indistruġġibbli huma jinsabu perfettament magħqudin.

Huma jitkellmu biss dwar kif se jxerrdu l-imħabba u l-affezzjoni u kif se jħarsu d-drittijiet tal-umanità. Tassew li n-nies tal-lokal li qed jissieħbu mal-Komunità Aħmadija mill-popolazzjoni Ġermaniża qed ikunu

xhieda tal-verità li l-Kalifat Aħmadija hija mezz ta' kif twassal lin-nies biex iwettqu d-drittijiet lejn Alla u lejn il-bnedmin.

Ħalli nagħmilha ċara li l-Istituzzjoni ta' Kalifat li tmexxi lill-Komunità Aħmadija m'għandha l-ebda interess fil-poter jew fit-tmexxija ta' xi pajjiż. Serrħu moħħkom li l-veru Kalifat m'għandha l-ebda objettivi jew gwadann materjali jew politiku u lanqas hija mgħammra għal dawk li għandhom ħajra jew regħba għal dawn l-affarijiet. L-uniku tħassib tal-Kalifat Aħmadija huwa li n-nies tad-dinja jaslu biex jirrikonoxxu l-Ħallieq tagħhom u jinżlu jqimu lil dan Alla Waħdieni u t-tieni li joħolqu l-ispirtu ta' mħabba u armonija qalb il-popli tad-dinja.

Illum, il-Musulmani Aħmadin, li huma mxerrda f'204 pajjiżi tad-dinja, huma xhieda fil-prattika ta' din il-verità. Il-fatt li intom qegħdin bilqiegħda f'paċi assoluta f'folla ta' madwar 30,000 Musulman juri li dawn il-Musulmani huma dixxipli ta' dik il-Kalifat li tfittex li tirbaħ il-qlub bl-imħabba biss. Qatt mhu se tfittex li ġġiegħel jew tuża l-forza u l-estremità biex tirrenja fuq xi poplu jew nazzjon.

Finalment jiena ċert li t-tagħlim veru tal-Iżlam sar aktar evidenti llum għalikom minn dak kollu li għedt u li intom sirtu tifhmu aħjar in-natura vera tal-Kalifat li tmexxi lill-Komunità Aħmadija Musulmana. Jiena ċert li intom irrealizzajtu li m'hemmx għalfejn tibżgħu minn din il-Kalifat u għalhekk nitlobkom ukoll li

tnebbħu lill-oħrajn fiċ-ċrieki tagħkom dwar il-vera natura tagħha. Din il-Kalifat dejjem tkun fuq quddiem biex tikkundanna u titkellem kontra kull forma ta' ħruxija u inġustizzja li sseħħ fid-dinja. Fil-fatt jekk qatt ikun hemm Musulman Aħmadi li jwettaq xi għemil ħażin imbagħad aħna dejjem nieħdu azzjoni adattata kontrihom.

B'dan il-ftit kliem jiena se nsellmilkom u għalhekk nerġa' għal darba oħra nirringrazzjakom talli ngħaqadtu magħna hawn illum. Jalla Alla jagħtikom il-ħila biex tifhmu l-messaġġ sinċier u mill-qalb tiegħi. Minflok ma nippuntaw subgħajna lejn xulxin u minflok ma nweġġgħu s-sentimenti ta' xulxin għandna pjuttost ningħaqdu flimkien u naħdmu għall-ġid tal-pajjiż u għat-twaqqif tal-paċi fid-dinja. Jalla Alla jgħinna biex ikollna suċċess f'dawn l-affarijiet. Grazzi ħafna."

“**Islam, a threat or a source of peace?**” This is the Maltese translation of the Address delivered by Hazrat Mirza Masroor Ahmad[aba], Khalifatul-Masih V, Head of the Worldwide Ahmadiyya Muslim Community to a large audience of Non-Muslim guests on the 2nd day of the Annual Convention (Jalsa Salana) of the Ahmadiyya Muslim Jamaat Germany on 14th June 2014.

www.ahmadiyya.org.mt

9 789995 759223